**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 248/2000**

**Il-Pulizija ( Sp. Lawrence Cutajar )**

**Vs**

**MARIO MIFSUD**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Mario Mifsud talli fit-2 ta'Lulju, 2000, u f'dawn l-ahhar jiem, gewwa Hal-Kirkop, dejjaq lill-girien billi ppermetta storbju b'inbih ta'kelb, u b'hekk kiser il-mistrieh tan-nies bil-lelj.

Rat is-sentenza moghtija fis-7 ta'Novembru, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Mario Mifsud hati ta' din l-akkuza, ikkundannatu Lm25 ammenda, u ordnatlu sabiex inehhi l-inkonvenjent fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza taghha, u fin-nuqqas, jehel ammenda ta' Lm2 kulljum ghal kull gurnata li matulu jkompli l-inkonvenjent.
Rat ir-rikors t'appell ta'Mario Mifsud datat 16 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi f'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet kontrastanti ta'fatti. Li jirrizulta evidenti hu li bejn Mario Mifsud, l-appellant, u Carmela Mamo hemm storja ta'pika, glied u rapporti li ilha sejra ghall-diversi snin. Jidher li l-appellant kellu dan il-kelb li jissemma f'dawn il-proceduri ghal dawn l-ahhar tlieta jew erba snin, u f'dak il-perijodu din Carmela Mamo qatt ma kienet irrapportatu ghall-inkonvenjent li qed tilmenta minnu issa.

Fil-fehma tal-Qorti, jidher car li f'dan il-kaz hemm certament element ta'vendikazzjoni u xejn aktar. Dan jirrizulta anke mil-mod ta'kif xehdet quddiemha l-imsemmija Carmela Mamo.

Fl-isfond ta' dan il-kwadru, din il-Qorti ma tistghax tara kif l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li hemm, setghet ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant. Hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-provi huma insufficcjenti li zgur ma jwasslux sal-grad tac-certezza morali.

Ghalhekk l-appell ta'Mario Mifsud qed jigi milqugh billi s-sentenza appellata qed tigi revokatha biex b'hekk hu jkun liberat minn kull piena w htija. Kull ordni moghti mill-ewwel Qorti, ghalhekk, huwa revokat ukoll.

Aldo Testone

Deputat Registratur